# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta ta' Mejju 2019

**Il-Pulizija**

**[Supretendent Simon Galea**
**[Supretendent Maurice Curmi]**

**vs**

**Shalon Abela**

**Il-Qorti**,

Rat li l-akkuzat, **Shalon Abela** ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, bin Philip u Maria neè Caruana, imwieled il-Pietà, nhar l-ghoxrin (20) ta' April tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) u joqghod 188G, Triq Sant' Orsla, Valletta, detentur tal-karta tal-identità numru 220493M, gie imressqa quddiemha akkuzat:

talli fil-11 ta' April 2018 ghall-habta tat-tlieta u ghoxrin minuta ta' fil-ghodu (03:20 hrs) u ftit qabel, ikkommetta serq ta' gojjellerija u oggetti ohra minn residenza privata sitwata 54, Triq Sant Anton Abbati, Mosta, ghad-detriment ta' Joseph Bonnici detentur tal-karta tal-identità numru 801757M, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin, ai termini tal-

Artikoli 261, 263, 264, 266, 267, 270, 278 u 280 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, volontarjament ghamilt hsara, jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix elfejn u hames mitt Euro (€2,500), izda huwa izjed minn mitejn u hamsin Euro (€250), ai termini tal-Artikolu 325 (1) (b) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, kiser il-kondizzjonijiet tal-libertà provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif presjeduta mill-Magistrat Dr Francesco Depasquale LL.D. datata 16 ta' Ottubru 2017, b'dan waqt li kien mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta' €5,000, depozitu ta' €300, fost kondizzjonijiet ohra hekk kif ordnat li jaghmel l-istess Qorti, ai termini tal-Artikolu 579 (1) (2) (3) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet tal-libertà provizorja imposti fuqu mill-Qorti kif presjeduta mill-Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D. datata 7 ta' Jannar 2018, b'dan waqt li kien mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta' €2,000, depozitu ta' €300, fost kondizzjonijiet ohra hekk kif ordnat li jaghmel l-istess Qorti, ai termini tal-Artikolu 579(1) (2) (3) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija minn barra l-piena skont il-ligi, tordna r-revoka tad-digriet li bih Shalon abela inghata l-beneficju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat, kif ukoll tordna li s-somma ta' €7,000 garanzija personali u s-somma ta' €600 depozitu, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stabbilit fl-Artikolu 579 (1) (2) (3) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess hin, data lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 28A et sequitor tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 02.11.2017;

Aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-Imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9. Tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-verbal tat-12 ta' April 2018 fejn l-Imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti [a fol. 12];

Semghet lill-istess imputat jammetti l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu hlief it-tielet akkuza in kwantu l-ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Dr Francesco Depasquale datat 16 ta' Ottubru 2017 stante li tali digriet ma jirrizultax li hu esebit fl-atti, waqt is-seduta tat-30 ta' April 2019 u dik tal-14 ta' Mejju 2019, wara li din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u wara li tatu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha skont kif irid l-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

IKKUNSIDRAT:

Il-Qorti, ghalhekk, in vista ta' din l-ammissjoni waqt is-seduta tat-30 ta' April 2019 u dik tal-14 ta' Mejju 2019 kif ukoll l-ammissjoni pjena u inekwivokabbli li tinsab fl-istqarrija tal-istess Imputat [ara Dok MC1, a fol 36 u 37] fejn qal li kien qal li kellu mposti fuqu kundizzjonijiet ghal-libertà provvizorja imposti fuqu u li tela' fil-gallerija tar-residenza de quo sgassa l-bieb u dahal fiha matul il-lejl u sab l-oggetti tad-deheb u arlogg fuq il-komodina fil-kamra tas-sodda tad-dar li kien fiha fil-Mosta: "*Nghid li jien inqbadt*.", kif ukoll minn provi ohra, l-akkuzi jirrizultawlha ppruvati, u ma tistax ma ssibx lill-Imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti, b'referenza ghat-tielet akkuza, hi tal-fehma illi l-Imputat ghandu jigi liberat minnha stante illi minn ezami tal-atti kollha t-tielet imputazzjoni ma gietx soddisfacentement ippruvata u dan ghaliex jirrizulta mill-atti u senjatament mix-xhieda tal-Ispettur Maurice Curmi li ksur tal-kundizzjonijiet tal-libertà mill-arrest kien minhabba rinkazar li ma giex osservat ai termini tad-digriet tal-20 ta' Lulju 2014 tal-Magistrat Charmaine Galea. Illi ma gewx esebiti dawn il-kundizzjonijiet u cioè dawk ordnati bid-digriet tal-20 ta' Lulju 2014 – fil-fatt id-digriet tal-Magistrat Francesco

Depasquale tas-16 ta' Lulju 2017 jikkonferma dawk il-kundizzjonijiet u cioè fosthom dawk dwar il-hinijiet ta' rinkazar hekk kif ordnati mill-Magistrat Charmaine Galea.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti qieset l-ammissjoni ta' l-imputat, izda ma tistax ma tiehux kont li l-Imputat ghandu l-fedina penali kulurita u huwa recediv ghal diversi drabi u aktar, ir-reati hawn fuq imsemmija li huwa mixli bihom gew kommessi f'perijodu operattiv ta' sentenza sospiza. Il-Qorti rat ukoll il-konkluzjoni tar-rapport tal-ufficjal tal-Probation ipprezentat fit-12 ta' Settembru 2018 [a fol 118 et seq.] li "... *permezz tasl-imgieba negattiva li qieghed ikollu jirrizulta li l-imsemmi qieghed ikompli jippersisti bi stil ta' hajja kriminogenika, sahansitra anke minn gewwa l-habs*." Innotat ukoll dak li kellu xi jghid ic-Chief Operations Officer tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin waqt is-seduta tad-9 ta' April 2019 dwar l-imgieba tieghu fil-habs u l-kastigi li nghata minhabba l-atteggjament tieghu kif ukoll il-problema tieghu tal-abbuz mid-droga. L-istess xhud izda stqarr li recentement kien hemm "*kambjament ghal ahjar*.".

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 266, 267, 270 u 280 tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) rigward l-ewwel akkuza, l-Artikolu 325 (1)(b) tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) rigward it-tieni akkuza, l-Artikolu 579 (1) (2) u (3) tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) rigward ir-raba' akkuza, l-Artikolu 28A et seq. tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll 49 u 50 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, fuq ammissjoni, issib lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha hlief it-tielet akkuza u tikkundanna lill-istess imputat ghal tliet (3) snin prigunerija effettivi. Il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-garanzija personali ta' elfejn Euro (€2,000) u tad-depozitu ta' tliet mitt Euro (€300) a favur il-Gvern ta' Malta imposti fuqu mill-Qorti kif presjeduta mill-Magistrat Doreen Clarke LL.D. fis-7 ta' Jannar 2018 fl-ammont totali ghalhekk ta' elfejn u tliet mitt Euro (€2,300). L-Imputat qieghed jigi ordnat ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**